**FIL-QORTI CIVILI**

**SEZZJONI TAL-FAMILJA**

**ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 363/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-13 ta' Awissu, 2018, li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar id-19 ta' Settembru, 1987 liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 694/2015 u dan kif jidher mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument A;

2. Illi l-esponenti sseparaw permezz ta' sentenza personali moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "**B vs A**" datata 24 ta' Frar, 2010 Citazzjoni numru 2761/99 NC liema sentenza hija wahda finali u hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B.

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal C li twieled fit-Tnejn t'April tas-sena elf disa' mija u disghin (02/04/1990) u D li twieled nhar l-ewwel ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (01/03/1993) illum it-tnejn maggorenni;

4. Illi ma hemmx l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet ilhom separate *de iure* minn Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u ghalhekkk ilhom separati u ma jghixux flimkien ghal aktar minn erba' snin matul l-ahhar hames snin precedenti dal-umli rikors u b'hekk jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 66 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi dwar manteniment l-esponenti jiddikjara illi a tenur tal-istess sentenza ma hemmx manteniment li huwa dovut lill-intimata B filwaqt illi t-tfal huma maggorenni u t-tnejn li huma ghandhom impjieg fiss.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qed tigi umilment mitluba sabiex:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u dan a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kap.15 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimata, debitament notifikata baqa' ma pprezentax risposta, izda fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru, 2018 iddikjarat li mhux qed tikkontesta d-divorzju.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom sseparati legalment ghal aktar minn erba' snin, skond sentenza ta' separazzjoni tal-24 ta' Frar, 2010 – Citaz.Nru. 761/99 fl-ismijiet **B vs A**.

Illi r-rikorrenti ppruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gewsoddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**